TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 284/12/GB

**Francesco sive Franco Xuereb**

**vs**

**Omar Xuereb ezercenti l-kummerc Kikku Iron Works**

Illum 26 ta' Gunju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-7 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn tlieta u disghin Ewro u hamsin centezmi (€293.50), rapprezentanti sett ta' tliet (3) fanali, li tnejn (2) minnhom gew iddanneggjati waqt li kienu fil-pussess ta' l-intimat ghal xogholijiet ta' tiswija.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien ha tliet (3) fanali ghand l-intimat ghat-tiswija, fejn l-intimat kien issuggerixxa, waqt li l-fanali kienu fil-pussess tieghu, illi l-imsemmija fanali jittiehdu ghand terza persuna sabiex isir certu xoghol ta' tiswija fuqhom. Ir-rikorrent kien accetta, u ghalhekk l-intimat kien ipproceda, pero' l-persuna li l-intimat ha l-fanali ghandha kienet negligenti, u tnejn (2) minn dawn il-fanali spiccaw iddanneggjati.

Il-fatt illi gew iddanneggjati tnejn (2) minn dawn il-fanali ifisser illi s-sett ta' tlieta (3) huwa rrovinat, u dan apparti mill-fatt illi dawn il-fanali ma ghadhomx jezistu ghall-bejgh. L-imsemmija fanali ghadhom fil-pussess ta' l-intimat.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tal-fatt illi l-fanali in kwistjoni kienu fil-pussess u ghalhekk taht ir-responsabilita' ta' l-intimat meta gew iddanneggjati, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna l-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn tlieta u disghin Ewro u hamsin centezmi (€293.50) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**